**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Joseph Robert Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 649/2009**

**Illum, 23 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Robert Micallef, bin Arthur u Mary nee' Spiteri, imwieled nhar il-25 ta' Frar 1973 gewwa l-Ingilterra, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 347789M, u li jabita fil-fond, Tal-Grazzja, Triq Santa Rita, Marsa jew 82, Azzopardi Street, Marsa talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa Triq Azzopardi, Marsa fit-12 ta' April 2009:

1. Ghall-habta ta' 20:00hrs volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe' il-bieb ta' barra tar-residenza numru 166, li tinsab gewwa Triq Azzopardi, Marsa ghad-dannu ta' John Cordina, Mary Dolores Cordina u Emiliana Micallef liema hsara teccedi 116.47 Ewro izda ma tiskorrix 1164.69 Ewro;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni FBU-646 ghad-dannu ta' John Cordina u Emiliana Micallef liema hsara teccedi 116.47 Ewro izda ma tiskorrix 1164.69 Ewro;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-fomm heddidt lil martek Emiliana Micallef u lil persuni ohra bi kliem;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu Emiliana Micallef u ta' persuni ohra, weggaghhom b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor;

6. U aktar talli fit-13 ta' April 2009 u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tieghu arma u cioe' strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

7. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza moghtija nhar is-6 ta' Marzu 2007 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli, tapplika s-solitu procedure ta' garanzija u dang has-sigurta' ta' John Cordina, Mary Dolores Cordina u Emiliana Micallef skont l-artikoli 383. 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat u Emiliana Micallef kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni li evidentement kienu ikkaratterizzati minn tensjonijiet u glied.

Illi jirrizulta li fit-12 ta' April 2009 l-imputat mar quddiem ir-residenza numru 166, Triq Azzopardi, Marsa u inqala' argument fost l-ghajjat bejnu u l-parte civile li huma martu u l-genituri taghha. F'dan l-argument jirrizulta li l-imputat uza martell li permezz tieghu ghamel hsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza msemmija kif ukoll ikkaguna hsara fuq il-vettura ta' martu Emiliana Micallef.

Jirrizulta wkoll li l-parte civile marru jaghmlu rapport l-Ghassa immedjatament izda ghalkemm saru tentattivi biex l-imputat jigi arrestat dakinhar stess huwa ma nstabx. L-ghada filghodu l-pulizija marru wara l-bieb tar-residenza tieghu u qaghdu jistennewh hiereg mill-bieb tad-dar. Meta hareg mid-dar, kif appena marru fuqu l-imputat dahal fil-karozza, hareg sikkina u telaq jigri biha. Huwa ramiha ftit metri 'lboghod wara li nqabad mill-pulizija.

Illi l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxja kien iddikjara li ddispjacih talli ghamel u li kien lest ihallas id-danni sofferti.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2015 gie ddikjarat mill-parte civile li l-imputat hallas l-ammont ta' €977 ghas-saldu tad-danni li gew ikkawzati u ghaldaqstant huma rrinunzjaw ghall-azzjoni taghhom safejn din hija rinunzjabbli.

Illi in vista ta' tali dikjarazzjoni din il-Qorti se tiddikjara procediment ezawrit inkwantu ghar-raba' u hames imputazzjonijiet.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra dawn gew sodisfjacentement ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tieghu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhix netta mhix wahda allarmanti u l-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni kagunati u hallas lill-parte civile.

Illi in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti mhix se timponi piena karcerarja u proprju ghall-istess ragunijiet mhux se ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fir-rigward tar-raba' u hames imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u inkwantu ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena filwaqt li inkwantu ghas-sitt imputazzjoni tikkundannah ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

In oltre b′applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta′ subinciz 2 ta′ l-artikolu 28B testendi l-perjodu operattiv ta′ sena prigunerija imposti bis-

sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Marzu 2007 ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' John Cordina, Mary Dolores Cordina u Emiliana Micallef.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat